# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta’ Jannar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**
**Paul Mallia**

**Kumpilazzjoni Nru: 571/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Mallia u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 453181M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta’ Gunju, 2014, u fil-granet u xhur ta’ qabel, ghall-habta tal-11:30 ta’ filghodu, gewwa z-Zona Industrijali tal-Handaq,

1. B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

2. B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor jew ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji,

jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u cioe' l-kumpanija EneMalta u/jew il-Gvern ta' Malta;

3. Ikkommetta serq ta' elettriku ta' valur ta' izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-kumpanija EneMalta u/jew il-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz;

4. U aktar talli nhar l-14 ta' Gunju, 2014, fl-istess lok u cirkostanzi, attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-eekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

5. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi li jitqiesu ta' natura hafifa hekk kif icertifikat Dr Charmaine Magri fuq il-persuna ta' John Guiliano, ufficjal pubbliku jew kien inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku jew li hu kien ufficjal pubbliku jew impjegat ta' korp kostitwit b'ligi meta r-reat ikun sar minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha;

6. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;

7. Barra minn dan, l-imputat Paul Mallia huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magsitrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bi procedura sommarja kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 18, 308, 309 u 310(1)(a);
b) 18, 261(b)(c), 263, 264, 267, 278, 279(b), 280 u 283;

c) 96(a);
d) 214, 215, 221 u 222(1)(c);
e) 338(ee);
f) 49 u 50;
g) 17, 31, 532A u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri, li jirrigwardaw fatti li sehhew f'l-14 ta' Gunju 2014 u fix-xhur ta' qabel, l-imputat qed jigi akkuzat bi frodi, u serq aggravat ta' kurrent elettriku, kif ukoll diversi reati relatati ma' incident li sehh f'l-14 ta' Gunju 2014 waqt spezzjoni li saret minn ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta.

Illi fil-gurnata imsemmija ufficjali mill-Korporazzjoni Enemalta: Joseph Guiliano, John Vella u Robert Busuttil, flimkien ma' PC942 Saviour Chircop, ghamlu spezzjonijiet f'diversi lokalitajiet inkluz kumpless ta' garaxxijiet f'tal-Handaq, fosthom garaxx ta'l-imputat. PC942 Saviour Chircop u Robert Busuttil kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fil-garaxxijiet fis-sular ta' isfel fil-waqt li Joseph Guilano u John Vella kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fil-garraxxijiet fis-sular ta' fuq; il-garaxx ta'l-imputat qieghed fis-sular ta' fuq.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[1] Joseph Guiliano jirrakkonta li hu dahal fil-garaxx ta'l-imputat fil-waqt li l-kollega tieghu John Vella dahal f'garaxx iehor. Meta Guiliano dahal fil-garaxx ta'l-imputat, u hekk kif l-imputat kien ser jaqbad u jiftah il-cupboard fejn kien hemm il-meter, Guiliano ghamel idejh mal-bieba tal-cupboard u qal lill-imputat li issa kienu ser jiftuha huma. Ghal dan id-diskors l-imputat ta daqqa fuq id Guilano biex imbottah 'l hemm, fetah il-cupboard nehha oggett li kien hemm mal-meter u telaq jigri 'l barra b'dan l-oggett f'idhu. John Vella sema' l-kommozzjoni, hareg mill-

[1] Depozizzjoni a fol 34.

garraxx fejn kien qieghed u mar jigri wara l-imputat; anke Busuttil u l-kuntistabbli telghu minn isfel meta semghu il-kommozzjoni. Ftit wara Vella u l-imputat gew lura Guiliano u dak il-hin Guiliano sema' lil Vella jghid lill-imputat li kien rah jarmiha l-kalamita, u lill-imputat jghid lil Vella li dak li hemm 'l barra mill-hanut (cioe l-garaxx) m'ghandux x'jaqsam mieghu. Huma hargu barra u f'l-ghalqa li hemm biswit il-garraxxijiet instab dak l-oggett li kien hemm mal-meter ta'l-imputat; dan gie elevat u ssiggillat. Guiliano mbaghad mar il-policlinic minhabba li kellu hmura u selha zghira fuq idejh fejn tah daqqa l-imputat. It-tabiba li nvistat lil Guiliano tressqet bhala xhud; hija ikkonfermat li kellu tbengiela[2].

Illi John Vella xehed ukoll[3]. Huwa minbarra jirrakkonta li hekk kif kien qieghed f'wiehed mill-garaxxijiet sema' ghajjat fil-garaxx fejn kien hemm il-kollega tieghu Guiliano ghalhekk hareg biex jara x'gara. Huwa ra lill-imputat jigri ghalhekk mar jigri warajh; l-imputat tela' fuq il-bejt tal-kumpless u minn hemm rema xi oggett li kellu f'idejh ghal go l-ghalqa li hemm biswit il-kumpless. Vella qal lill-imputat li kien rah jarmi dak l-oggett, pero l-imputat qallu: "*dak int qed tghidu*"; huma regghu niezlu isfel hdejn Guiliano fejn kienu lahqu telghu Busuttil u l-kuntistabbli. Vella qal lill-imputat li kien ser imur ifittex dak l-oggett li huwa kien rema' barra; l-imputat irreagixxa billi jghidlu li dak li jsib barra mhux tieghu. Huma fil-fatt niezlu isfel u hargu barra u fil-prezenza ta'l-imputat sabu l-oggett li l-imputat kien rema' f'l-ghalqa.

Illi Robert Busuttil xehed ukoll[4]. Huwa prattikament jikkonferma li fil-waqt li kien qieghed mal-kuntistabbli fis-sular ta' isfel sema' ghajjat fis-sular ta'fuq ghalhekk telghu fuq u lahaq lill-kollegi tieghu u lill-imputat niezlin r-rampa; dak il-hin l-imputat kien qed jghid li gewwa ma sabu xejn u dak li hemm barra mhux tieghu. Huma mbaghad hargu kollha barra f'l-ghalqa fejn Vella sab l-oggett li kien ra lill-imputat jarmi.

Illi anke PC 942 Saviour Chircop xehed[5]. Hu ukoll jikkonferma li kien flimkien ma' Busuttil fis-sular ta' isfel meta sema' ghajjat minn fuq. Tela fuq fejn sab lil Guiliano, Vella u l-imputat; l-imputat kien qed jghid li dak li mhux hawn mhux tieghu. Il-kuntistabbli innota ukoll li Guiliano kellu xi hmura ma' idejh ghalhekk saqsa x'kien gara u meta irrakkontawlu talab lill-

---

[2] Din kienet Dr Charmaine Magri, depozizzjoni a fol 69.
[3] Huwa xehed tlett darbiet: d-depozizzjonijiet relattivi qeghdin a fol 39, fol 73 u fol 166.
[4] Depozizzjoni a fol 57 u fol 174.
[5] Depozizzjoni a fol 53 u fol 180.

imputat biex jakkompanjah isfel biex ifittixu l-oggett li kien intrema. Fil-waqt li l-ufficjali ta'l-Enemalta bdew ifittxu, PC942 informa lill-imputat li kien ser jarrestah u beda jinfurmah bid-drittijiet tieghu pero malli sema' hekk l-imputat telaq jigri. Gera xi hamsin metru meta gie hdejn cint u waqaf; hemm xi skambjat xi diskors bejnithom u PC942 talab ghall-assistenza. Malli sema' hekk l-imputat halla lill-kuntistabbli jimmanettjah. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li fil-kors ta' dawn l-avvenimenti l-imputat f'l-ebda hin ma refa' idejh fuqu, jew imbottah, u lanqas ma prova jhebb ghalih, l-imputat sempliciment harab meta gie infurmat li kien ser jigi arrestat.

Illi mill-Koprorazzjoni Enemalta xehedu ukoll: Eric Montfort[6] li prezenta il-kwerela mibghuta lill-pulizija permezz ta' liema ntalbu jiehdu passi fil-konfront ta'l-imputat; u Alan Chetcuti[7] li prezenta stima ta' kemm fil-fehma tal-Korporazzjoni kien gie registrat konsum anqas mir-realta bhala rizultat ta' dak l-oggett li kien imwahhal mal-meter; huwa prezenta ukoll dokumenti ohra li juru kif waslu ghal din l-istima. Chetcuti fil-fatt spjega li fir-rapport li thejja mill-ufficjali li ghamlu l-ispezzjoni gew elenkati l-appliances li jahdmu b'l-elettriku li kien hemm fil-garaxx u sar kalkolu tal-konsum fuq bazi ta' tlett snin[8]. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li, minn dak li kien qed jimmarka l-meter, kien hemm dip fil-konsum wara l-ewwel qari, mat-tielet qari l-konsum rega tela' ghall-aktar mill-ewwel qari, u baqa jitla sa'l-ahhar qari qabel l-ispezzjoni; il-qari ta' wara l-ispezzjoni (il-meter kien ghadu l-istess wiehed) rega' kien hemm tnaqqis fil-konsum registrat.

Illi l-ufficjal prosekutur xehdet ukoll[9]; hija tat rendikont ta'l-dak li gara f'dan l-incident u x'irrizultalha mill-investigazzjoni. Hija prezentat ukoll l-istqarrija ta' l-imputat[10] u sentenza li kienet inghatat fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz hija li dak l-oggett li kien imdendel mal-meter ta'l-imputat kien kalamita u li dik il-kalamita kienet qed twassal biex il-meter jirregistra konsum ta' elettriku anqas minn dak li fattwalment kien qed jigi ikkunsmat. Fil-fatt permezz ta'l-ewwel

[6] Depozizzjoni a fol 75.
[7] Depozizzjoni a fol 78.
[8] Hu spjega li normalment il-kalkolu jsir fuq bazi ta' hames snin pero l-meter kien ilu registart fuq l-imputat mis-sena 2011 ghalhekk setghu imorru lura biss tlett snin.
[9] Depozizzjoni a fol 31, fol 95, fol 136 u fol 201.
[10] Li fiha l-imputat ma rrispondiex ghall-maggoranza tal-mistqosijiet.

imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi truffa, cioe ingann pertetrat permezz ta' din il-kalamita, u permezz tat-tieni imputazzjoni qed jigi akkuzat b'serq (ta' elettriku) aggravat bil-mezz u valur[11]. L-imputazzjonijiet l-ohra huma bazati fuq il-komportament ta' l-imputat waqt l-ispezzjoni li saret f'l-14 ta' Gunju 2014.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet jibda biex jinghad li ai termini tas-subartikolu 2 ta'l-artiklou 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *........ Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu ...... il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.*

Illi din il-prezunzjoni giet deskritta mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali bhala "*prezunzjoni feroci*". Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulzija vs Raymond Abela[12] dik il-Qorti qalet hekk dwar il-prezunzjoni naxxenti mid-dispozizzjoni kwotata:

> *La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha* ***il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett*** *... il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar.*[13]

---

[11] Ghandu jigi rilevat li ghalkemm mic-citazzjoni jista' jidher li ngabbu seba' imputazzjonjiet kontra l-imputat fil-fatt hemm sitta (jekk l-addebietu dwar recidiva jitiqes bhala imputazzjoni). Dik li hija elenkata bhala l-ewwel l-ewwel imputazzjoni (il-pargrafu market bin-numru wiehed) fil-fatt hija biss l-addebietu tal-kontinwita tar-reat propsettat f'l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-ewwel zewg reati u cioe dawk dwar truffa u serq.

[12] Deciza 16 ta' Lulju 1990.

[13] Ara ukoll Il-Pulizija vs Saviour Tabone deciza mill-Qorti tal-Magistrati 13.03.2010.

Illi applikati dawn il-princippji ghall-kaz in ezami, il-prosekuzzjoni kellha ggib *prova konklussiva* tal-mezzi qarrieqa u l-effett taghhom fuq x'konsum ta' elettriku kien qed jigi registrat fil-meter. Fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni dan m'ghamlitux.

Illi l-Qorti hija sodisfatta u m'ghandha l-ebda dubbju li l-oggett li gie rkuprat mill-ghalqa minn John Vella kien l-istess oggett li kien imdendel mal-meter fil-garaxx ta'l-imputat. Pero ma ngiebitx l-ahjar prova li dak l-oggett kien fil-fatt kalamita, u lanqas ma ngiebet prova konklussiva dwar x'effett seta' kellu u jekk fil-fatt kellu xi effett fuq il-meter ta'l-imputat.

Illi l-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*(1) Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.*
*(2) Il-periti jiġu magħżulin mill-qorti:*
...... ...... ......

Din id-dispozizzjoni mbaghad tkompli tispjega kif ghandhom jigu maghzula, mill-Qorti, il-periti rikjesti.

Illi l-ufficjali ta'l-Enemalta setghu jaghmlu kostatazzjonijiet dwar fatti, cioe x'sabu u x'ma sabux pero ma setghux jaghtu opinjonijiet. Kien ikun il-kompitu ta' espert indipendenti li jiddetermina x'effett seta kellu l-oggett li kien hemm mdendel mal-meter, u jekk fil-fatt kellux effett fil-kaz in ezami. Stabbilit li dak l-oggett kellu effett fuq il-meter kien ikun il-kompitu ta'l-espert ukoll jiddetermina, tenut kont ta' l-appliances li kienu jintuzaw fil-garaxx, bi precizjoni d-diskrekanza bejn l-konsum effettiv u l-konsum registrat.

Illi la darba dan l-ezercizzju ma sarx ma jistax jinghad li ngiebu provi konklussivi u 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien hemm mezzi qarrieqa li setghu kellhom effett fuq il-meter. L-imputat ghalhekk ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe attakk u rezistenza fuq ufficjal pubbliku.

Illi huwa ormai ben stabbilit fil-gurisprudenza li:

> *Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar fil-waqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". ..... Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi*[14]

Illi aktar minn hekk:

> *biex jissussisti dana r-reat irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku ... ..., izda wkoll li dana l- attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb...*[15]

Illi mill-atti processwali jirrizulta li meta PC942 informa lill-imputat li kien ser jarrestah, dan telaq jigri. L-istess PC942 Saviour Chircop jghid li ma kien hemm l-ebda kollutazzjoni ma' l-imputat, li la hebb ghalih u lanqas uza vjolenza fizika fil-konfront tieghu; Chircop jghid li l-unika haga li ghamel l-imputat kien li rrezista l-arrest billi telaq jigri. Fil-fatt, dejjem skond Chircop, meta l-imputat wasal hdejn cint b'mod li ma setax ikompli jigri, u dak il-hin sema' lil Chircop jitlob assistenza, waqaf u ssottometta ghall-arrest. Konsegwentement, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe tip ta' vjolenza jew hebb fil-konfront ta' PC942, ma jistax jinghad li gew sodisfatti l-elementi tar-reat in ezami ghal dak li jirrigwarda dak li gara bejn l-imputat u PC942.

---

[14] Ref Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali 09.09.2002.
[15]Ref Il-Pulzija vs Lawrence Attard deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali 12.09.1996.

Illi ghalkemm ma kien hemm l-ebda kollutazzjoni bejn PC942 u l-imputat, kien hemm kollutazzjoni bejn l-imputat u Joseph Guiliano. M’hemmx dubbju li fil-hin tal-kollutazzjoni Guiliano kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu: huwa kien qed jispezzjona l-meter fil-garaxx ta’l-imputat u konsegwentement kien qed iwettaq servizz pubbliku. Pero fil-fehma tal-Qorti ma jistax jinghad li huwa kien qed jezegwixxi l-Ligi jew ordni mghoti skond il-Ligi ghalhekk anke fir-rigward ta’ dan l-episodju ma jistax jinghad li r-reat in ezami jissussisti.

Illi ghalhekk it-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Guiliano, b’l-aggravvju kontemplat f’l-artikolu 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li meta meta Joseph Guiliano dahal fil-garaxx ta’l-imputat u zamm il-bieba tal-cupboard fejn kien hemm il-meter, l-imputat tah daqqa fuq idejh u imbuttah. Bhala rizultat ta’ dan il-hebb Guiliano soffra griehi li, skond ma jirrizulta mid-depozizzjoni ta’l-istess Guiliano u anke tat-tabiba li nvistatu, huma ta’ natura hafifa.

Illi Joseph Guiliano jghid li huwa impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta u specifika x’kienet il-kariga tieghu. Prezentat in atti hemm ukoll rapport, miktub fuq letterhead tal-Korporazzjoni Enemalta, li gie redatt dwar l-ispezzjoni u iffirmat mit-tlett ufficjali, cioe Guiliano, Vella u Busuttil. Tenut kont ta’ dan, u tenut kont tal-fatt li PC942 ikkonferma li fil-gurnata in ezami huwa kien qed akkompanja ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta waqt l-ispezzjonijiet l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjoni issa in ezami tirrizultavkif dedotta.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f’l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe li m’obdiex ordni legittimu lilu mghoti minn PC942 jew li fixklu fil-qadi ta’ dmirijietu.

Illi kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet dwar it-tielet imputazzjoni meta PC942 informa lill-imputat li kien qed jarrestah, l-imputat irriezista dan l-arrest billi harab u waqaf biss meta kien sab diffikolta biex ikompli jigri minhabba l-prezenza ta' cint. Ghalkemm dan l-agir ma kienx sufficjenti biex jigu sodisfatti l-elementi tar-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni, huwa sufficjenti biex jissodisfa l-element tar-reat issa in ezami. Dan ghaliex m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li meta l-imputat telaq jigri huwa kien qed ifixkel lil PC942 fil-qadi ta' dmirijietu, cioe l-arrest ta'l-imputat li kien ghadu kif wettaq reat (l-aggressjoni fuq Guiliano).

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat senenza datata l-1 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema l-imputat wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, gie *inter alia* ikkundannat multa ta' mitejn u tlieta u tlettin Euro (€233). Mill-fedina penali ma jirrizultax jekk din il-multa gietx imhallsa jew le u ma ngiebet l-ebda prova ohra fir-rigward. Biex il-piena ta' multa titqies bhala skontata, u konsegwentement jigi rez applikabbli l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dik il-multa trid jew tkun imhallsa jew inkella konvertita f'prigunerija li giet skontata[16]. Konsegwentement l-imputat fil-waqt li ghandu jiqties bhala recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 ma jistax jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 50 ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

---

[16] F'dan is-sens ref Il-Pulizija vs Anthony Said (Appell Inferjuri deciza 10.07.2015) fejn intqal li: *id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax 0titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħalls0a l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 49, 221, 222(1)(c) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat u tikkundannah tlett xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' timintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**